

Brussell, 12 ta' Mejju 2022  
(OR. en)

9043/22

EF 136  
ECOFIN 423  
DELECT 80

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Mejju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 3008 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 12.5.2022 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 183/2014 fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-kalkolu tal-aġġustamenti speċifiċi u ġenerali għar-riskju ta' kreditu

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2022) 3008 final.

---

Mehmuż: C(2022) 3008 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 12.5.2022  
C(2022) 3008 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 12.5.2022**

**li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE)  
Nru 183/2014 fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-kalkolu tal-aġġustamenti speċifiċi u  
ġenerali għar-riskju ta' kreditu**

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 110(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara li jiġi ppreżentat abbozz ta' standards mill-Awtorità Bankarja Ewropea (European Banking Authority, EBA), u f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, atti delegati biex jiġu speċifikati l-ammonti li jeħtieġ jiġu inklużi fil-kalkolu tal-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu għad-determinazzjoni ta' inadempjenza skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-pjan ta' azzjoni tagħha dwar *L-indirizzar ta' self improduttiv wara l-pandemija tal-COVID-19*, u ħeġġet li ssir reviżjoni ta' kif jiġu ttrattati l-iskoperturi inadempjenti skont l-approċċ standardizzat tar-riskju ta' kreditu biex jitneħħa kull impediment biex jinħolqu swieq sekondarji għal skoperturi inadempjenti.

Fil-kuntest ta' bejgħ ta' skoperturi inadempjenti, ġie identifikat misallinjament fil-ponderazzjoni tar-riskju applikat għal dawn l-iskoperturi mill-istituzzjonijiet li jbigħuhom ("istituzzjonijiet tal-bejgħ") u l-piż tar-riskju applikat għal dawn l-iskoperturi mill-istituzzjonijiet li jixtruhom ("istituzzjonijiet akkwirenti"). Dan il-misallinjament jista' joħloq ostakli bla bżonn għall-istituzzjonijiet ta' kreditu biex ineħħu l-iskoperturi inadempjenti mill-karti tal-bilanċ tagħhom. Għalhekk hemm bżonn li tiġi emendata l-identifikazzjoni tal-aġġustamenti speċifiċi tal-kreditu tar-riskju kif stabbiliti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 183/2014 tal-20 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reqwiziti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment, fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġi speċifikat il-kalkolu tal-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu speċifiċi u ġenerali.

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jstabilixxi l-EBA, il-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-abbozz ta' standards, għandha tiddeċiedi tapprovax l-abbozz ppreżentati. Il-Kummissjoni tista' wkoll tapprova l-abbozz ta' standards parzjalment biss, jew b'emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jesigū hekk, filwaqt li tirrispetta l-proċedura speċifika stipulata f'dawk l-Artikoli.

### 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz ta' standards tekniċi. Ġie ppubblikat dokument ta' diskussjoni fis-sit tal-EBA fl-24 ta' Ġunju 2021, u l-konsultazzjoni nqas fl-24 ta' Settembru 2021. Flimkien mal-abbozz ta' standards tekniċi, l-EBA ppreżentat spjegazzjoni dwar kif l-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet tqies fl-iżvilupp tal-istandards tekniċi abbozzati finali ppreżentati lill-Kummissjoni.

Flimkien mal-abbozz ta' standards tekniċi, u f'konformità mat-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA ppreżentat il-Valutazzjoni tal-Impatt tagħha, flimkien mal-analiżi tagħha tal-ispejjeż u tal-benefiċċji, f'rabta mal-abbozz ta' standards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni. Din l-analiżi hija disponibbli hawn <https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/credit-risk/draft-regulatory-technical->

### 3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Fil-kuntest ta' bejgħ ta' skopertura inadempjenti, l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji jippermetti l-inklużjoni ta' kull żvalutazzjoni kontabilizzata fil-prezz tat-tranżazzjoni tal-iskopertura, li tinżamm mill-istituzzjoni tal-bejgħ bħala telf realizzat, fl-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu rikonoxxuti għad-determinazzjoni tal-piż tar-riskju li l-istituzzjoni akkwirenti tapplika għal dik l-iskopertura skont l-approċċ standardizzat tar-riskju ta' kreditu fid-data tal-bejgħ.

Dan jinkiseb permezz tal-introduzzjoni ta' ammont inkluż fl-ammont ta' aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu użat biex jiġi ddeterminat il-piż tar-riskju xieraq skont l-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-ammont użat biex jiġi ddeterminat il-piż tar-riskju skont dak l-Artikolu huwa mfassal b'tali mod li meta skopertura inadempjenti tinxtara bi skont ugwali għall-ammont ta' aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu li jkun għew assenjati għall-iskopertura mill-istituzzjoni tal-bejgħ, il-piż tar-riskju applikabbli ma jinbidilx.

B'mod partikolari, fir-rigward tal-kalkolu tal-iskont għal skoperturi inadempjenti mixtrijin, ir-referenza għat-terminu "ammont dovut" tiggarantixxi l-konsistenza bejn tipi differenti ta' skoperturi inadempjenti kif hemm ukoll fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 emendat, fis-sens li jitqies biss l-ammont pendenti tal-obbligi ta' kreditu. Bħala tali, kull ammont li ma jkunx għadu dovut mid-debitur, jew minħabba li jkun diġà tħallas lura jew ikun inħafer (inkluż mill-istituzzjoni tal-bejgħ), huwa eskluż. Barra minn hekk, ir-referenza tiżgura li kemm l-obbligi ta' pagament fi flus kontanti kif ukoll l-obbligi ta' konsenja ta' entrati mhux fi flus kontanti jitqiesu abbażi tal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jeżiġi li tiġi effettwata l-valutazzjoni tal-assi u l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali skont il-qafas kontabilistiku applikabbli. Fl-aħħar nett, ir-referenza għal "ammont dovut" tiżgura wkoll li l-obbligu ta' kreditu pendenti totali, inklużi l-pagamenti pendenti ta' kapital, l-imgħaxijiet dovuti u t-tariffi, kif applikabbli, jitqies fil-kalkolu tal-iskont.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 12.5.2022

### li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 183/2014 fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-kalkolu tal-aġġustamenti speċifiċi u ġenerali għar-riskju ta' kreditu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 110(4), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Abbażi tad-definizzjoni ta' aġġustament għar-riskju ta' kreditu stabbilita fil-punt (95) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, huwa biss it-telf ta' kreditu mistenni rifless fl-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu magħmula mill-istituzzjoni li żżomm l-iskopertura inadempjenti li jista' jiġi kontabilizzat fl-assenjazzjoni ta' ponderazzjoni tar-riskju għall-finijiet tal-Artikolu 127(1) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, it-telf ta' kreditu kkontabilizzat fil-prezz tat-tranżazzjoni tal-iskopertura inadempjenti, li l-istituzzjoni tal-bejgħ iżżomm bħala telf realizzat, ma jistax jiġi rikonoxxut wara l-bejgħ mill-istituzzjoni akkwirenti. B'riżultat ta' dan, il-piż tar-riskju applikabbli applikat għall-iskopertura inadempjenti jista' jinbidel wara l-bejgħ ta' dik l-iskopertura, anki jekk il-prezz tat-tranżazzjoni jkun jinkorpora skont ta' ammont ugwali għall-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu għal telf ta' kreditu mistenni rreġistrat mill-istituzzjoni tal-bejgħ qabel il-bejgħ. Din is-sitwazzjoni toħloq impediment regolatorju għall-ħolqien ta' swieq sekondarji għal skoperturi inadempjenti, peress li l-misallinjament potenzjali bejn il-piżijiet tar-riskju applikati għall-iskopertura inadempjenti mill-istituzzjoni tal-bejgħ u mill-istituzzjoni akkwirenti rispettivament jista' jrendi t-tranżazzjoni inqas attraenti għall-istituzzjoni akkwirenti u għalhekk joħloq ostakli bla bżonn għall-istituzzjonijiet ta' kreditu biex ineħħu l-iskoperturi inadempjenti mill-karti tal-bilanċ tagħhom.
- (2) Sabiex titqies ukoll il-possibbiltà li l-pandemija tal-COVID-19 tista' tirriżulta f'żieda fil-livelli ta' skoperturi inadempjenti fl-istituzzjonijiet ta' kreditu, ikun tajjeb li jitneħħa kull impediment regolatorju għall-ħolqien ta' swieq sekondarji għal

<sup>1</sup> ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

skoperturi inadempjenti. Għalhekk hemm bżonn li jiġi żgurat li l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu rikonoxxuti għall-finijiet tal-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jinkorporaw kull skont fi prezz tat-tranżazzjoni ta' skopertura inadempjenti li l-istituzzjoni akkwirenti ma tkunx irrikonoxxiet billi żżid il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni. B'mod partikolari, sabiex jiġi evitat li jkun hemm xi rikonoxximent doppju mhux dovut tat-tnaqqis potenzjali fil-livell ta' telf mistenni mill-istituzzjoni akkwirenti wara x-xiri kemm fuq il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' dik l-istituzzjoni kif ukoll għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-piż tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, f'każ ta' rivalutazzjoni tal-iskopertura inadempjenti li sseħħ wara x-xiri tagħha, jenħtieġ li l-iskont ma jibqax jinkorpora l-parti tal-ammont ta' rivalutazzjoni tal-iskopertura inadempjenti li tkun ġiet rikonoxxuta bħala li żżid il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-istituzzjoni.

- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 183/2014<sup>2</sup> jiġi emendat skont dan.
- (4) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.
- (5) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqu, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>3</sup>.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

#### **Emenda għar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 183/2014**

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 183/2014, jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

“6. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, meta jikkalkulaw l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu għall-finijiet tal-assenjazzjoni tal-piżijiet tar-riskju msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-parti mhux garantita ta' skopertura inadempjenti, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu kull differenza pożittiva bejn l-ammont dovut mid-debitur fuq dik l-iskopertura u s-somma ta' dawn li ġejjin:

- (a) it-tnaqqis fil-fondi proprji addizzjonali jekk dik l-iskopertura tkun ġiet amortizzata kompletament;
- (b) kwalunkwe tnaqqis diġà eżistenti fil-fondi proprji relatat ma' dik l-iskopertura.”.

<sup>2</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 183/2014 tal-20 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment, fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġi speċifikat il-kalkolu tal-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu speċifiċi u ġenerali (ĠU L 57, 27.2.2014, p. 3).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

*Artikolu 2*  
**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12.5.2022

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*